



# Inklużjoni attiva ta' żgħażaġħ bi problemi ta' saħħa jew b'diżabbiltajiet

## Sommarju Eżekuttiv

### Introduzzjoni

Dan l-istudju tal-Eurofound jistħarreġ il-qagħda taż-żgħażaġħ bi problemi ta' saħħa jew b'diżabbiltajiet fi 11-il pajjiż (id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Pajjiżi I-Baxxi, il-Polonja, Slovakkja, Spanja u r-Renju Unit) u fuq il-livell tal-UE, b'enfasi fuq il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika dwar l-inklużjoni attiva fil-livell nazzjonali. Il-politika dwar l-inklużjoni attiva tfttex li tintegra l-miżuri fir-rigward ta' tliet pilastri – dħul adegwat, swieq tax-xogħol inklużivi, u aċċess għal servizzi ta' kwalità – għall-persuni l-iktar maqtugħin mis-suq tax-xogħol. L-għan ewlieni tar-riċerka huwa li tara kif il-politika għet implimentata biex twassal liż-żgħażaġħ bi problemi ta' saħħa jew b'diżabbiltajiet mill-inattività lejn l-impjieg. Qed jiġu analizzati erbgħa u erbgħin studju innovattiv fuq diversi każi ta' prattika tajba biex jiġu identifikati l-karatteristiċi tal-fornituri tas-servizzi, l-esperjenzi tagħhom u l-fatturi ta' suċċess li jsawru l-bażi tal-proġetti tagħhom f'hall jinħarġu konklużjonijiet li jkunu applikabbli fl-UE kollha. Uħud mill-istudji tal-każi huma ffokati fuq is-saħħa mentali – qasam inkwetanti li kull ma jmur qiegħed dejjem jikber fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li ġew studjati. Inxteftet attenzjoni partikulari fuq id-dibattiti attwali dwar ċerti riformi fuq il-livell nazzjonali.

### Kuntest tal-politika

Iż-żgħażaġħ bi problemi ta' saħħa jew b'diżabbiltajiet fl-UE jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex ikollhom aċċess għall-impjieg. L-informazzjoni limitata dwar dan il-grupp tixħet dawl fuq rati tal-impjieg ferm baxxi u għadd ta' persuni dejjem jiżdied li qegħdin jieħdu benefiċċji għall-persuni b'diżabbiltà jew benefiċċji oħrajn, direttament mill-iskola jew inkella kmieni fil-ħajja tax-xogħol. Wieħed diffiċli jsib statistiki dwar il-firxa ta' dan il-grupp – l-istatistiċi dwar l-impjieg ma jiddokumentawx il-qagħda tas-saħħa taż-żgħażaġħ, filwaqt li l-istatistiċi dwar is-saħħa jew id-diżabbiltà ma tantx jagħtu informazzjoni ċara dwar l-istatus professjonali taż-żgħażaġħ.

Firxiet ta' politiki fuq il-livell tal-UE huma relevanti għas-sitwazzjoni taż-żgħażaġħ bi problemi ta' saħħa jew b'diżabbiltajiet, iżda l-iktar waħda notevoli hija l-inklużjoni attiva. Madankollu l-inklużjoni attiva għandha referenza limitata għal dawn iż-żgħażaġħ kemm-il darb – minbarra d-dħul adegwat, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' kwalità – din teskludi l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja. L-edukazzjoni hija qasam kruċjali għaż-żgħażaġħ li jgħaddu mit-tranżizzjoni lejn ix-xogħol. Politiki relevanti oħrajn bħal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-impjieg, mad-diskriminazzjoni u mal-persuni b'diżabbiltajiet huma potenzjalment relevanti, iżda ma jħarsux b'mod speċifiku lejn iż-żgħażaġħ bi problemi ta' saħħa jew b'diżabbiltajiet.

### Sejbiet ewlenin

**Leġiżlazzjoni u programmi fuq il-livell nazzjonali**  
Ir-riċerka tidentifika 144 silta mil-leġiżlazzjoni u 117-il programm relevanti fl-Istati Membri li jitttrattaw iktar minn pilastru wieħed tal-inklużjoni attiva. Madankollu jidher ċar li ħafna minn dawn l-inizjattivi kienu biss parzjalment imnebbħa mill-politika dwar l-inklużjoni attiva fuq il-livell tal-UE, anki jekk id-dispożizzjonijiet u l-attivitajiet tagħhom kienu konsistenti mal-politika. Barra dan, jidher ċar ukoll li t-fassil preċiż ta' dawn il-miżuri għaż-żgħażaġħ b'diżabbiltajiet jew bi problemi ta' saħħa jvarja qatigħ bejn l-Istati Membri.

Minn dan l-istudju joħorġu għadd ta' temi importanti.

- Hemm tendenza li l-bżonnijiet tal-persuni bi problemi ta' saħħa jew b'diżabbiltajiet jiġu ttrattati b'servizzi tal-massa u mhux b'servizzi speċjalizzati.
- Is-servizzi protetti għad għandhom rwol importanti f'għadd ta' pajjiżi.

- Fokus fuq tranżizzjonijiet minn sistemi bbażati fuq l-iskejjel għal sistemi bbażati fuq l-impjegati huwa mod importanti u produttiv li jittratta l-problemi ta' dawn iż-żgħażaġh.
- Għad illi ċerti inċentivi, fl-għamla ta' appoġġ lill-impjegati jew ta' kwoti tal-impjeg, huma kemxejn komuni, ġeneralment iż-żgħażaġh ma jkollhomx biżżejjed sehem f'bosta mis-sistemi bil-kwoti.
- Il-finanzjament għas-servizzi bħalissa jinsab taħt pressjoni f'bosta stati minħabba l-kriżi ekonomika.

### Prattika tajba

Jistgħu jinstiltu bosta prinċipji mill-istudji fuq dawn il-każi.

- Jenħtieġ approċċ integrat għall-iżvilupp tal-ħiliet, għat-taħriġ u għall-kollokament f'impjeg għat-tranżizzjoni mill-qgħad għax-xogħol.
- Wara t-taħriġ, jenħtieġ jiġi żgurat kollokament rapidu f'impjeg reali biex jinżamm il-momentum u biex il-ħiliet jibqgħu relevanti.
- L-individwi jridu jingħataw is-setgħa li jkollhom il-kontroll fuq il-mogħdija tal-karriera tagħhom, biex jagħmlu għażliet reali dwar id-direzzjoni tagħha.
- L-impjegaturi jridu jappoġġaw fir-reklutaġġ, fit-taħriġ u fiż-żamma tal-persunal b'diżabbiltajiet.
- Il-proġetti kollha għandu jkollhom l-għan finali ta' parteċipazzjoni f'suq tax-xogħol miftuħ għal dawk li jistgħu jaħdmu u li jkunu interessati.
- Maż-żmien jevolvu proġetti tajbin biex tinżamm il-konformità mal-aproċċ ta' inklużjoni attiva.

Hemm provi ċari dwar x'tabilħaqq jaħdem fir-rigward tal-inklużjoni taż-żgħażaġh bi problemi ta' saħħa jew b'diżabbiltajiet u anki dwar id-diffikultajiet affaċċjati biex tinkiseb din l-inklużjoni. Prattika tajba hija kkaratterizzata minn għadd ta' elementi, bħat-teħid ta' approċċ proattiv, il-forniment ta' benefiċċji flessibbli, il-promozzjoni ta' tranżizzjonijiet aħjar mill-iskola għax-xogħol u t-teħid tal-aproċċ ta' mogħdijiet lejn ix-xogħol.

Il-kwistjonijiet ewlenin identifikati fl-istudji fuq dawn il-każi jinkludu dawn li ġejjin:

- L-inklużjoni attiva kellha biss influwenza limitata fuq it-fassil u t-tħaddim tal-proġetti, u barra minn hekk, dan deher biss fi ftit pajjiżi;
- L-inizjattivi li ħalltu azzjonijiet taħt pilastru wieħed kellhom tendenza li jirnexxu iktar;
- L-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-inklużjoni attiva teħtieġ kollaborazzjoni tajba bejn is-servizzi taħt l-erba' pilastru (inkluzja l-edukazzjoni) – dan diffiċli jinkiseb.

## Indikazzjonijiet tal-politika

- Bħalissa ż-żgħażaġh bi problemi ta' saħħa jew b'diżabbiltajiet mhumiex jiġu meġħjuna la mill-politika u lanqas mill-prattika; jenħtieġ li l-attenzzjoni tinxteħet fuqhom.
- Jenħtieġ li l-ġbir u r-rapportar ta' dejta jitjiebu b'mod notevoli.
- Ir-rwol tal-problemi tas-saħħa mentali bħala fattur fl-esklużjoni soċjali tal-grupp fil-mira jeħtieġ jiġi trattat b'mod iktar effikaċi.
- Jenħtieġ jiġu żviluppatti għodod ġodda tal-politika biex jintlaħaq il-grupp fil-mira.
- Is-sistemi ta' għoti tas-servizzi għandhom jiġu integrati aħjar biex iġibu magħhom l-inklużjoni attiva.
- Jenħtieġ tittieħed azzjoni konġunta bejn il-partijiet governattivi interessati ewlenin u oħrajn sabiex l-inklużjoni attiva tabilħaqq tirnexxi.
- Jenħtieġ ikollna kemm l-politika u kem il-prattika ħalli nitgħallmu mill-evidenza miġbura. Evidenza 'inqas xjentifika' mill-istudji tal-każi tipprovdi dettalji dwar x'jaħdem u x'għandu jiġi inkluż fit-titjib tal-politika.
- Kemm il-politika kif ukoll il-prattika jridu jqisu għadd ta' fatturi fundamentali – l-iktar it-taqlib ekonomiku f'ħafna mill-Ewropa. Iż-żgħażaġh bi problemi ta' saħħa huma vulnerabbli b'mod partikulari, u jenħtieġ jittieħdu miżuri biex tinħoloq domanda għax-xogħol għal dan il-grupp.

### Aktar tagħrif

Għal iktar tagħrif, jekk jogħġbok ibgħat email lil Anna Ludwinek, uffiċjal tar-riċerka, fuq [alu@eurofound.europa.eu](mailto:alu@eurofound.europa.eu)